

**Brussell, 28 ta' Novembru 2023
(OR. en)**

14960/23

LIMITE

**JAI 1418
FREMP 308**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proċedura tal-għażla għall-ħatra tad-Direttur il-ġdid tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) Approvazzjoni ta' ittra li għandha tintbagħat lill-FRA

1. Il-mandat tad-Direttur attwali tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), Michael O'Flaherty, jiskadi fi tmiem l-2023. L-avviż ta' pożizzjoni vakanti ġie ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali u fuq is-sit web Europa fl-14 ta' Frar 2023¹.
2. Skont l-Artikolu 15(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 tal-15 ta' Frar 2007 li jistabbilixxi l-FRA, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/555 tal-5 ta' April 2022, il-Kummissjoni, wara l-konklużjoni tal-fażi preliminari tal-proċedura tal-għażla mwettqa minnha, tistabbilixxi lista mqassra ta' kandidati. Dawn il-kandidati fil-lista mqassra ser jintalbu jindirizzaw lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew f'seduti ta' smiġħ. Dawn it-tnejn tal-aħħar għandhom jagħtu l-opinjoni tagħhom u jiddikjaraw l-ordnijiet ta' preferenza tagħhom lill-Bord tat-Tmexxija tal-FRA li għandu jaħtar lid-Direttur, filwaqt li jqis l-opinjoni imsemmija hawn fuq.
3. Il-Kummissjoni adottat il-lista mqassra tagħha ta' kandidati fis-27 ta' Settembru 2023 u l-Aġenzija kkomunikathom lill-Kunsill fit-13 ta' Ottubru 2023 sabiex ikunu jistgħu jsiru s-seduti ta' smiġħ.

¹ COM/2023/20091, ĠU 2023/C 55 A/01 14.2.23.

4. Il-Parlament Ewropew wettaq is-seduti ta' smigħ tiegħu tal-kandidati fil-lista mqassra fil-25 ta' Ottubru 2023.
5. Fit-8 ta' Novembru 2023, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, skont l-Artikolu 15(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/555, ta mandat lil panel ta' trojka fil-livell tal-Ambaxxaturi (magħmul mill-Presidenzi preċedenti, attwali u li jmiss) biex imexxi s-seduti ta' smigħ tal-kandidati fil-lista mqassra u biex jirrapporta lill-Coreper/Kunsill dwar l-ordni ta' preferenza tagħhom bil-ħsieb li jikkonfermah.
6. Is-seduti ta' smigħ tal-kandidati magħżula saru fit-28 ta' Novembru 2023. L-ordni ta' preferenza rakkomandat mit-trojka huwa kif ġej:
- is-Sa Sirpa Tuulikki Rautio
 - is-Sur Nils Muižnieks
 - is-Sur Jonas Grimheden
- Huwa nnutat li r-raba' kandidat inkluż fil-lista qasira tal-Kummissjoni, Jim Clarken, irtira l-kandidatura tiegħu qabel is-seduti ta' smigħ tat-28 ta' Novembru 2023.
7. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mitlub jissuġġerixxi li l-Kunsill, f'laqgħa tiegħu li jmiss:
- jaqbel dwar l-ordni ta' preferenza tal-kandidati indikati hawn fuq;
 - japprova li jintbagħat l-abbozz ta' ittra fl-Anness lill-Bord tat-Tmexxija tal-FRA.
-

***Draft letter to the Management Board
of the Fundamental Rights Agency***

Brussels,

Rick Lawson

Vice-Chairperson of the Management Board

European Union Agency for Fundamental Rights

Schwarzenbergplatz 11

A-1040 Vienna

Austria

Subject: Appointment of the new Director of the European Union Agency for Fundamental Rights (FRA)

Dear Mr Lawson,

I am pleased to inform you that, pursuant to Article 15 of Council Regulation (EC) No 168/2007 as amended by Council Regulation (EU) 2022/555, the Council has decided on the following order of preference:

- Ms Sirpa Tuulikki Rautio
- Mr Nils Muižnieks
- Mr Jonas Grimheden

The fourth candidate included in the Commission's short list, Jim Clarken, withdrew his candidature before the hearings on 28 November 2023.

[Complimentary close]